## 17 ta' Settembru, 1953

*Imħallfin :*

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.;
L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt.;
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Rosario Dalli

### Libertà Provviżorja — Diskrezzjoni tal-Qorti.

*L-għoti ta' libertà provviżorja b'kawżjoni hu rimess għad-diskrezzjoni tal-Qorti.*

*Fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni, il-Qorti għandha tħares lejn l-imputazzjoni kif tkun fil-mument li ssir id-domanda għal-libertà provviżorja, anki meta l-att ta' l-akkuża jkun għadu ma ġiex preżentat meta ssir dik id-domanda; u xejn ma tiswa l-argumentazzjoni tad-difiża li l-provi miġbura fl-istruttorja ma jwasslux għar-reat attribwit lill-imputat.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors li bih l-imsemmi Dalli talab il-libertà provviżorja:

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, bħala Qorti *Istruttorja*, l-imsemmi Dalli ġie imputat ta' tentativ ta' omiċidju. L-att ta' l-akkuża għad ma ġiex preżentat;

Illi għad li d-delitt fuq imsemmi ma hux wieħed minn dawk li għalih ma tistax tingħata l-iskarċerazzjoni provviżorja mill-emendi ta' l-1947 'il hawn, eppure, peress li dejjem baqa' *li l-għoti tal-libertà provviżorja* b'kawżjoni hu rimess għad-diskrezzjoni tal-Qorti, din il-Qorti, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, u "rebus sic stantibus", ma hix ta' fehma li għandha tagħti l-benefiċċju mitlub;

Illi għal ta' xejn id-difiża targumenta li l-provi rakkolti

fl-Istruttorja ma jwasslux għal dak id-delitt, għax dejjem ġie, ġustament, ritenut li l-Qorti għandha tħares lejn l-imputazzjoni jew l-akkuża kif inhi sa issa. Diversament il-Qorti tiġi tużurpa l-funzjoni jew ta' l-Attorney General, li eventwalment jakkuża tat-tali delitt jew ta' delitt ieħor, jew tal-ġurati, skond il-każ;

Dina l-Qorti, kolleġjalment kostitwita (Prim Imħallef Sir Michelangelo Refalo, u Mħallfin Dr. Luigi Camilleri u Dr. Giuseppe Agius), hekk qalet fir-rikors ta' Giuseppe Agius għal-libertà provviżorja, definit fil-31 ta' Jannar 1921 :—

"Attesocchè la ragione dedotta dal ricorrente in sostegno della sua istanza, che cioè i fatti provati contro di lui non costituiscono, nè sorreggono l'imputazione................ non è ammissibile come argomento di ricorso per la libertà provvisoria con cauzione, poichè in siffatta domanda la Corte deve avere solamente riguardo all'imputazione od all'accusa dedotta dalla Polizia o dall'Avvocato della Corona contro l'instante, e non è competente a giudcare, su un ricorso per la libertà provvisoria, se tale imputazione od accusa sia o meno fondata nel fatto o nel diritto" (ara wkoll Vol. XXVI—IV—766);

Jekk, u fil-każ li jirriduċi l-imputazzjoni, allura l-każ jista' jiġi rikunsidrat;

Għalhekk tiċħad it-talba.